Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2208

4.11.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2208

tal-31 ta' Ottubru 2025

li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE ta' ċerti reġjuni tar-Renju Unit

(notifikata bid-dokument C(2025) 7264)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija spongiformi li tinxtered ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li l-Istati Membri, jew il-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni tagħhom (il-pajjiżi jew ir-reġjuni) iridu jiġu kklassifikati skont l-istatus tagħhom tal-enċefalopatija spongiformi bovina (BSE) f'waħda minn tliet kategoriji kif ġej: riskju negliġibbli ta' BSE, riskju kkontrollat ta' BSE, u riskju indeterminat ta' BSE.

(2) L-Artikolu 5(2), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li jekk l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) tqiegħed pajjiż applikant f'waħda mit-tliet kategoriji tal-BSE, tista' tiġi deċiża valutazzjoni mill-ġdid tal-kategorizzazzjoni tal-BSE fil-livell tal-Unjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE ([2]) telenka l-istatus tal-BSE ta' pajjiżi jew reġjuni skont ir-riskju tal-BSE tagħhom fil-Parti A, B jew C tal-Anness ta' dak l-att. Il-pajjiżi jew ir-reġjuni elenkati fil-Parti A ta' dak l-Anness jitqiesu li għandhom riskju negliġibbli ta' BSE, dawk elenkati fil-Parti B tiegħu jitqiesu li għandhom riskju kkontrollat ta' BSE, filwaqt li l-Parti C ta' dak l-Anness tipprovdi li pajjiżi jew reġjuni mhux elenkati fil-Parti A jew B jridu jitqiesu li għandhom riskju indeterminat ta' BSE.

(4) Ir-Renju Unit bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq bħalissa jaqa' fil-Parti B tal-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiżi b'riskju kkontrollat ta' BSE.

(5) Fid-29 ta' Mejju 2025, l-Assemblea Dinjija tal-WOAH adottat ir-Riżoluzzjoni Nru 17 dwar ir-rikonoxximent tal-istatus ta' riskju tal-enċefalopatija spongiformi bovina tal-Membri, "*Recognition of the Bovine Spongiform Encephalopathy Risk Status of Members*" ([3]), li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Mejju 2025. Din ir-riżoluzzjoni rrikonoxxiet li ż-żoni tal-Ingilterra u Wales, u l-Iskozja fir-Renju Unit għandhom riskju negliġibbli ta' BSE, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-WOAH. Wara valutazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni fil-livell tal-Unjoni, li tirriżulta minn dik ir-Riżoluzzjoni tal-WOAH Nru 17, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-istatus ta' BSE WOAH il-ġdid taż-żoni tal-Ingilterra u Wales, u l-Iskozja fir-Renju Unit jenħtieġ li jiġi rifless fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE.

(6) Għalhekk il-lista tal-pajjiżi jew ir-reġjuni fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE jenħtieġ li tiġi emendata b'tali mod li ż-żoni tal-Ingilterra u Wales, u l-Iskozja fir-Renju Unit jiġu elenkati fil-Parti A tal-Anness taħt il-pajjiżi jew ir-reġjuni b'riskju negliġibbli ta' BSE.

(7) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE jiġi emendat kif xieraq.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/999/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/453/oj).
([3]) https://www.woah.org/app/uploads/2025/06/92gs-2025-res-17-tech-bse-status-final-en.pdf.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

LISTA TA PAJJIŻI JEW REĠJUNI

A. **Il-pajjiżi jew ir-reġjuni b'riskju negliġibbli tal-BSE**

Stati Membri

— Il-Belġju

— Il-Bulgarija

— Iċ-Ċekja

— Id-Danimarka

— Il-Ġermanja

— L-Estonja

— L-Irlanda

— Spanja

— Franza

— Il-Kroazja

— L-Italja

— Ċipru

— Il-Latvja

— Il-Litwanja

— Il-Lussemburgu

— L-Ungerija

— Malta

— In-Netherlands

— L-Awstrija

— Il-Polonja

— Il-Portugall

— Ir-Rumanija

— Is-Slovenja

— Is-Slovakkja

— Il-Finlandja

— L-Iżvezja

Reġjuni tal-Istati Membri ([1])

— L-Irlanda ta' Fuq

Pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

— L-Iżlanda

— Il-Liechtenstein

— In-Norveġja

— L-Iżvizzera

Pajjiżi terzi

— L-Arġentina

— L-Awstralja

— Il-Brażil

— Il-Kanada

— Iċ-Ċilì

— Il-Kolombja

— Il-Costa Rica

— L-Indja

— Iżrael

— Il-Ġappun

— Jersey

— In-Namibja

— New Zealand

— Il-Panama

— Il-Paragwaj

— Il-Perù

— Is-Serbja ([2])

— Singapore

([1]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-hruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-hruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87)) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istat Membru jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

([2]) Kif imsemmi fl-Artikolu 135 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU L 278, 18.10.2013, p. 16).

— L-Ingilterra u Wales, u l-Iskozja fir-Renju Unit

— L-Istati Uniti

— L-Urugwaj

B. **Il-pajjiżi jew ir-reġjuni b'riskju kkontrollat tal-BSE**

Stati Membri

— Il-Greċja

Pajjiżi terzi

— Il-Messiku

— In-Nikaragwa

— Il-Korea t'Isfel

— It-Tajwan

C. **Il-pajjiżi jew ir-reġjuni b'riskju indeterminat tal-BSE**

— Il-pajjiżi jew ir-reġjuni li mhumiex elenkati fil-Partijiet A jew B."